MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT MANGION**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 322/2012

Kawza fil-lista: 29

**T V**
**vs**
**X V**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrent ippremetta u talab hekk:

Illi l-partijiet izzewwgu fl-14 ta' Awwissu 1990, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Joseph Debono ppubblikat fis-6 ta' Dicembru 2001;

Illi m’ hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ma hemm ebda kwistjoni dwar il-manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta’ divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

3. Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ ‘Rosso’;

Rat ir-risposta tal-konvenut li permezz taghha jiddikjara:

1. Illi huwa minnu illi l-partijiet isseparaw bonarjament b’kuntratt ta’ separazzjoni personali fis-6 ta’ Dicembru 2001.

2. Illi huwa wkoll minnu illi l-partijiet iddekadew definittivament u reciprokament ghad-dritt ta’ manteniment.

3. Illi huwa wkoll minnu illi ma hemm ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

4. Illi huwa wkoll minnu illi jezistu l-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai termini ta’ l-artikolu 66B tal-Kodici Civili.

5. Illi minkejja li fil-principju huwa kontra d-divorzju, huwa ma joggezzjonax ghat-talba kif dedotta, minghajr pero’ ma ghandu jbati l-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u jinsabu sodisfatti l-kondizzjonijiet tad-dispozizzjoni tal-ligi fuq citata; ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u tawtorizza lir-rikorrenti tirreverti ghal kunjom xbubitha ‘Rosso’.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------